# QORTI ĊIVILI PRIM’AWLA

## IMĦALLEF
## ONOR. JOSEPH AZZOPARDI LL.D.

### Illum l-Erbgħa, 28 ta’ Ottubru 2015

**Kawża Nru: 14**

**Rikors Ġuramentat Nru: 808 / 13 JA**

**Luisa Pedroni Blasina**

**-vs-**

**Sara Tea Blasina**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-23 ta’ Awissu 2013 li permezz tiegħu ġie premess:

Illi l-esponenti kienet ikkuntrattat żwieġ mal-missier naturali tal-intimata matul l-ewwel żwieġ tiegħu, u ċjoe’ ma’ Pietro Blasina, illum mejjet, fit-23 ta’ April 1994;

Illi Pietro Blasina miet f’Malta fid-19 ta’ Marzu 2013 skond ċertifikat hawn anness u mmarkat dokument ‘A’;

Illi dan iż-żwieġ ġie kkuntrattat ġewwa l-prinċipat ta' Monaco bil-koppja Blasina tagħmel id-domiċilju u r-residenza tagħha hawn Malta mis-sena 1997 sal-lum fil-każ tar-rikorrenti, u sad-data tal-mewt ta' Pietro Blasina kif fuq imsemmi ġewwa Malta għal dak li jirrigwarda Pietro Blasina.

Illi l-esponenti u żewġha Pietro kienet permezz tas-soċjeta' Xini Holdings Limited li fiha huma għandhom sehem indaqs bejniethom akkwistaw l-fond 28, Shalom Triq il-Ġifen, M'Xlokk sabiex wara li saru diversi xogħolijiet strutturali fl-istess huma marru jabitaw fih bħala r-residenza unika tagħhom u d-dar matrimonjali.

Illi f'Ottubru tas-sena 2008 nqala' disgwid matrimonjali bejn l-esponenti u l-mejjet żewġha, li ġiegħlu lill-esponenti taħrab mid-dar konjugali wara theddid kontinwu da parti ta' żewġha illi minħabba l-kundizzjoni medika tiegħu beda jiffissa li martu serqitu u fost dan it-theddid kien saħansitra mminaċċjaha li joqtolha diversi ħafna drabi b'dan id-diskors issir saħansitra quddiem l-Avukat Antoine Naudi li kien l-avukat tal-partijiet u li kien ifforma l-kumpannija Xini Holdings Limited u kien l-uniku direttur tal-istess *tramite* soċjeta' nominee tal-istess Avukat Naudi.

Illi dan l-aġir aggressiv u minaċċjuż da parti tal-mejjet żewġha kien, fil-fehma tal-esponenti dovut minħabba illi fis-snin ta' qabel inqala' d-disgwid li wassal biex l-esponenti taħrab mid-dar konjugali żewġha marad serjament billi kien isofri minn dimenzja avvanzata, pressjoni għolja b'Ischemic Heart Disease tant illi fl-aħħar snin ta' ħajtu kellu diversi attakki tal-qalb barra li kien ukoll dijabetiku, dieħel u ħiereġ l-isptar u kien jieħu kwantita kbira ta' pilloli biex jipprova jtaffi l-kundizzjoni medika tiegħu li pero' baqgħat dejjem tmur għal agħar minn sena għal sena.

Illi l-intenzjoni tal-esponenti meta ġiet kostretta tallontana ruħha mid-dar konjugali kienet illi minħabba l-kundizzjoni medika ta' żewġha u l-fatt li dan kien jiddependi kompletament minnha għall-kura tiegħu kienet illi dan l-allontanament tagħha kellu jkun biss għal xi ftit ġranet sakemm żewġha jirrejalizża li naqas lejha b'dak l-atteġġjament aggressiv u li wara li jgħaddi ftit żmien kien ser jerġa' jikkomunika magħha u jagħmlu paċi.

Minflok pero' ġara dak li ħasbet li kellu jiġri l-esponenti meta dina rritornat f'darha wara ftit ġranet sabet is-serratura tal-bieb ta' darha mibdula, il-konvenuta ġewwa darha u lanqas biss setgħat tieħu l-ilbies u l-ħwejjeg personali tagħha mill-fond konjugali.

Illi għalkemm ippruvat, anke permezz tal-assistenza tal-Pulizija biex tidħol ġewwa darha almenu biex tieħu ħwejjiġha żewġha u l-intimata baqgħu jisfidaw u jirrifjutaw jobdu l-ordni tal-Pulizija sabiex minn Ottubru tat-2008 sal-lum kważi sitt xhur wara li miet żewġha l-esponenti baqgħat imsakkra barra minn darha u mid-data tal-mewt ta' żewġha d-dar tagħha ġiet ikkapparrata mill-intimata li għadha sal-lum tagħmel użu esklussiv tal-istess dar bil-mobbli kollha ta' ġo fiha, proprjeta' persona li tal-esponenti.

Illi dan l-aġir abbużiv u llegali baqa' għaddej anke wara li b'diversi digrieti tal-Qorti tal-Familja żewġha ġie ordnat jew jerġa' jqiegħed is-serratura l-antika tad-dar konjugali jew jgħaddilha kopja taċ-ċavetta tas-serratura l-ġdida, dan baqa' qatt ma għamilha bi sfida lejn il-Qorti anke wara li 1-esponenti akkumpanjata bil-Marixxall fuq ordni tal-Qorti u f'okkażjonijiet oħra assistita mill-Pulizija, żewġha u f'okkażjonijiet minnhom il-konvenuta baqgħu jisfidaw lill-Marixxall u allura lill-Qorti stess, b'dan illi l-Ordni tal-Qorti baqgħat ma ġietx esegwita bl-esponenti tibqa' msakkra barra minn darha.

Illi fost dawn id-digrieti hemm id-digriet maħruġ mill-Qorti tal-Familja fid-19 ta' Mejju 2010 dokument 'B' hawn anness fejn Pietro Blasina kien ġie ordnat jgħaddi kopja taċ-ċavetta tas-serratura l-ġdida tad-dar konjugali ġewwa M'Xlokk lill-esponenti, f'liema digriet il-Qorti kienet ukoll awtorizzat lill-esponenti jkollha aċċess liberu għal darha, tidħol u toħroġ minnha u / jew tgħix fiha liema digriet billi qatt ma ġie rrevokat.

Illi la darba l-esponenti ġiet awtorizzata tagħmel użu minn u tgħix fid-dar tagħha li hija wkoll id-dar konjugali fil-konfront ta' żewġha aħseb u ara kemm għandha dritt li tgħix fl-istess dar ad esklużjoni tal-intimata, bintu mill-ewwel żwieġ tiegħu, usurpatriċi tad-drittijiet tal-esponenti kemm dawk ta' proprjeta', kemm dawk li joħorġu mill-Liġi matrimonjali kif ukoll dawk li joħorġu mil-Liġi tas-suċċessjoni.

Illi l-isfidi baqgħu għaddejjin għal snin anke wara li Pietro Blasina ġie mwissi mill-Qorti Kriminali wara li tressaq quddiem l-istess Qorti akkużat ta' *ragion fattasi* biex jgħaddilha kopja taċ-ċavetta tad-dar tagħha u l-istess Blasina stqarr quddiem il-Maġistrat Micallef Trigona għal darba, darbtejn li hekk ser jagħmel kif ukoll li jgħaddilha l-ħwejjeġ personali tagħha, dan kif għamel mal-Qorti tal-Familja baqa', sa meta miet, qatt ma ta access għal darha kif lanqas ma għaddielha l-oġġetti u d-deheb personali tagħha. Qed jiġu hawn annessi diversi dokumenti fosthom ittri legali u rapport tal-Pulizija Eżekuttiva li qiegħdin flimkien jiġu mmarkati bħala dokument 'C'.

Illi wara li għaddiet iktar minn sena u l-esponenti baqgħat imsakkra barra darha, ġiet kostretta tixtri dar ċkejkna minn flus li wirtet mingħand ommha biex ikollha saqaf taħt rasha billi ma felħitx iktar tħallas kera b'mod indefinit billi ma

setgħatx tirritorna f'darha minħabba l-aġir abbusiv u llegali ta' żewġha u tal-intimata.

Illi *sopra corna bastonate*, Pietro Blasina, wara li sakkar lill-esponenti barra minn darha kif fuq intqal intavola kontra l-esponenti Mandat ta' Sekwestru fis-somma ta' €250,000 b'dan li l-esponenti kienet kostretta tgħix biss bil-pensjoni ċkejkna li tirċievi mingħand il-Gvern Taljan meta bi flusha u l-investimenti tagħha suppost kellha biex tgħix ħajja komda u mhux bilkemm tlaħħaq mal-ħajja u lanqas kapaċi tixtri vettura iżda kostretta tuża t-trasport pubbliku meta daqt tagħlaq 70 sena.

Illi ftit qabel ma miet żewġha u mid-data tal-mewt tiegħu sal-ġurnata tal-lum Sara Tea Blasina tefgħat l-ankri fil-proprjeta' tal-esponenti u ma ċċaqalqitx minn hemm meta taf ben tajjeb illi qed tokkupa l-fond fuq imsemmi li huwa proprjeta' tal-esponenti in kwantu almenu, nofs indiviż tal-istess pero' meta taf ben tajjeb illi huwa l-fond matrimonjali tal-esponenti u bħala tali l-esponenti għandha skond il-Liġi tagħna d-dritt assolut li tgħix unikament hi fih ad esklużjoni ta' kulħadd, anke tal-werrieta tal-istess Pietro Blasina, u dana *ai termini* tal-Artikoli 614 sa 639 tal-Kodiċi Ċivili.

Illi mid-data ta' meta l-esponenti ġiet msakkra barra minn darha minn żewġha sad-data tal-mewt tiegħu dana għamilha fatta u baqa' jinsisti, għax hekk donnu kien il-parir li ngħata, illi l-fond ta' M'Xlokk ma kienx id-dar konjugali tal-koppja Blasina u allura l-esponenti ma kellha l-ebda dritt tirritorna f'darha, ħaġa din li ġiet kompletament imxejna mill-Avukat Dr. Antoine Naudi li kien l-avukat tal-koppja Blasina u ħa ħsieb ix-xiri tad-dar kif ukoll l-ispejjeż kollha li ġew inkorsi fl-imsemmija dar sabiex dina tkun tista' takkomoda lill-koppja Blasina, li fix-xhieda li ta fis-27 ta' Ottubru 2011 f'kawża li kien hemm bejn il-kontendenti u li għadha *sub judice* fl-ismijiet **"Pietro Blasina vs Xini Holdings Limited et"**, Ċit

Nru 149/11JZM, liema xhieda qed tiġi hawn annessa u mmarkata dokument 'D'.

Illi matul dawn l-aħħar ġimgħat l-esponenti ġiet infurmata illi fid-dar tagħha ta' M'Xlokk ma kien qed jgħix ħadd u kienet magħluqa, ħlief li persuna jisimha Vincent u kunjomha mhux magħruf għall-esponenti pero' illi kien ġieli jassisti lil Pietro Blasina f'xi bżonnijiet tiegħu u li ma kienx jgħix bogħod mid-dar konjugali, kien jidħol fid-dar jagħmel ftit ħin hemm u jerġa' joħroġ u jsakkar.

Illi meta rat hekk hija pprokurat li tidħol ġewwa darha bl-għajnuna ta' persuna li biddel is-serratura tal-kanċell u tal-bieb ta' barra tad-dar matrimonjali tagħha biex fl-aħħar u wara kalvarju ta' kważi ħames *(sic)*, l-esponenti reġgħet għall-ewwel darba minn meta żewġha f'Ottubru tas-sena 2008 ikkostrinġiha tallontana ruħha minn hemm minħabba vjolenza u theddid, tirritorna ġewwa darha. Sfortunatament l-għada stess li għamlet hekk meta rritornat f'darha bi ħwejjiġha u flimkien ma' persuna sabiex tagħmel serratura iktar b'saħħitha ma jmurx terġa' ssib ruħha msakkra barra, reġgħat għal darb'oħra sabet darha msakkra bl-intimata għal darb'oħra tgħix fi ħwejjiġha.

Illi l-intimata m'għandha assolutament l-ebda dritt jew pretenzjoni legalment fondata li tagħmel użu jew tkompli tokkupa d-dar in kwistjoni billi l-armla għandha dejjem skond il-Liġi d-dritt esklussiv li tirrisjedi fid-dar matrimonjali sa meta tiġi nieqsa jew terġa' tiżżewweġ.

Għaldaqstant u *ai termini* tal-Artikolu 167 (1) (b) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta u filwaqt li l-esponenti tiddikjara illi fil-fehma tagħha l-intimata m'għandha l-ebda eċċezzjoni x'tissolleva għat-talbiet attriċi u previa d-dispens tas-smiegħ tal-kawża in vista tal-fatti fuq esposti u tad-dikjarazzjoni hawn fuq magħmula m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimata qiegħda tokkupa l-fond 28, Shalom, Triq il-Ġifen M'Xlokk mingħajr ebda titolu validu fil-Liġi;

2. Konsegwentement tipprefiġġi żmien qasir u perentorju sabiex l-intimata tiżgumbra mill-fond imsemmi u tagħti jekk ikun il-każ kull provvediment li jidhrilha sabiex l-Ordni tagħha tiġi esegwita skond il-Liġi.

Bl-ispejjeż kontra l-intimata minn issa nġunta għas-subizzjoni u b'riserva għal kull dritt spettanti lill-esponenti kontra l-intimata għal kumpens għal dak il-perjodu kollu li hija b'mod abbusiv u llegali okkupat id-dar tagħha kif ukoll għal kull azzjoni oħra kontra l-intimata nkluża azzjoni għad-danni li hija kkaġunat fl-imsemmi fond u fil-mobbli li jinsabu jew li kienu jinsabu fl-istess fond mid-data tal-mewt ta' żewġha Pietro Blasina sad-data ta' meta l-fond in kwistjoni flimkien mal-mobbli ta' ġo fih jirritornaw fil-pussess tal-esponenti.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attriċi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata (bl-ilsien Ingliż kif awtorizzata) ppreżentata mill-konvenuta Sara Tea Blasina fit-3 ta' Ottubru 2013 fejn eċċepiet:

*1. That the sworn application as filed is null and void in that, while premising that the defendant is in possession of the premises, plaintiff did not ask for any declaration indicating her title to the same premises or any other declaration serve as a basis for her alleged right to request the eviction of the defendant;*

*2. That without prejudice, since the premises belong to Xini Holdings Ltd, and since the right alleged by the plaintiff is a purely personal, not a real one, the action as filed is*

*incomplete (l-atti mhumiex integri) as any declaration regarding any alleged right of habitation cannot not include the owner of the premises;*

3. *That furthermore, without prejudice to the above, the hearing of this case should be suspended pending the conclusion proceedings in the names **"Pietro Blasina vs Xini Holdings Ltd et"** (Rik. Nru 149/11), in that the said proceedings concern the liquidation of Xini Holdings Ltd and therefore of the premises de quo and therefore constitute lis alibi pendens; said proceedings are pending before the Honourable Court of Appeal;*

4. *That without prejudice to the above, the onus of proving any title to the premises in question pertains exclusively to the plaintiff; the defendant accepts that plaintiff is a shareholder of the company that owns the premises, Xini Holdings Ltd, but denies that the premises were the matrimonial home of spouses Pietro and Luisa Blasina within the legal parameters of the term;*

5. *That without prejudice to the above, article 633 of the Civil Code is not applicable to the premises de quo, in that (a) said premises were not occupied as the principal residence by plaintiff at the time of the decease of Pietro Blasina, and (b) in that the surviving spouse has a right of habitation over such premises only "where the same tenement is held in full ownership or emphyteusis by the deceased spouse either alone or jointly with the surviving spouse", which again is not the case, as title pertains exclusively to Xini Holdings Ltd;*

6. *That if the plaintiff is through her demands requesting the Court indirectly to lift the corporate veil, the defendant pleads that the circumstances that govern the lifting of the corporate veil are based on English law and rules of*

*equity, and that said circumstances do not apply to this case;*

7. *That the decree of the 19th May 2010 delivered by the Family Section of the Civil Court is irrelevant to these proceedings, in that it was superseded by a subsequent decree, in that its civil enforceability had lapsed since no separation proceedings were filed following the conclusion of the mediation, in that it involved different parties and in that finally it was an interlocutory decree which was not confirmed by any final judgment and related exclusively to two married individuals and not to the estate of a deceased person;*

8. *That while the defendant confirms the content of the first four paragraphs of the sworn application, she denies the content of the remaining paragraphs;*

*Saving further pleas.*

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenuta u l-lista tax-xhieda.

Semgħet il-provi;

Rat l-atti proċesswali;

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta' Ġunju 2015 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza wara li l-Avukati ttrattaw;

Ikkunsidrat;

Illi kif jidher mir-rikors promotur l-attriċi qed titlob l-iżgumbrament tal-konvenuta mill-fond imsemmi fl-istess

rikors; hija qed tibbażaw t-talba tagħhom billi skond l-istess attriċi, li l-konvenuta ma għandu ebda titolu biex jokkupah.

Illi l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta huma diversi; fost oħrajn li l-attriċi mhijiex il-proprjetarja tal-fond in kwistjoni u allura ma għandhiex interess ġuridiku li tmexxi din il-kawza u li d-digriet li awtoriżżata tgħix fil-fond tilef l-effikaċja tiegħu għaliex ma ġiex segwit minn kawża fil-Qorti tal-Familja li ħarġet dak id-digriet.

Illi ġie osservat fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet **"Saviour Zammit vs Joseph Galea et"** (deċiża fit-30 ta' Marzu 2001) illi l-kliem *"bla titolu"* espressa f'att ġudizzarju promotur, *"kellu jinqara fis-sens limitat li l-Qorti kellha tindaga u tistabbilixxi l-eżistenza tat-titolu fil-konfront tal-attur li jkun ippropona l-kawża kontra l-konvenut li tkun qiegħed jokkupa l-fond tiegħu. Ma kienx allura biżżejjed għall-konvenut illi hu jkun qiegħed jippossjedi l-fond bis-saħħa ta' relazzjoni ġuridika leġittima, kienet x'kienet, li kellu ma' xi ħadd, kien min kien. Kellu jipprova illi tali relazzjoni ġuridika leġittima kienet teżisti bejnu u bejn l-attriċi."*

Illi madankollu, in-natura tal-eċċezzjoni tal-interess ġuridiku jistħoqqilha li tiġi eżaminata l-ewwel għaliex naturalment jekk tiġi milqugħa twaqqaf il-proċess kollu. Huwa evidenti mill-provi li tressqu li bejn il-partijiet hemm diversi vertenzi li pero' m'għandhom x'jaqsmu xejn mal-mertu ta' din il-kawża.

Illi ma hemmx kwistjoni li l-fond jappartjeni għal socjeta' kummerċjali (Xini Holding Company Limited) li tagħha l-attriċi għandha ishma; huwa ċar pero' li hemm distinzjoni netta bejn is-socjeta' u l-azzjonisti tagħha, anke jekk ikollhom maġġoranza assoluta ta' dawk l-ishma. Dan ilu rikonoxxut ġudizzjarjament addirittura sa mill-1933 fis-sentenza **"Psaila vs Michaud"** (Vol. XXVIII-iii-1078). (Ara wkoll is-sentenza

**"Meatland Company Ltd vs Saviour Micallef"**, deċiża mill-Prim Awla fit-12 ta' Diċembru 2002 li tinkludi ġurisprudenza kopjuża fir-rigward). Kwindi anke kieku l-attriċi tkun il-proprjetarja' tas-socjeta' attriċi ma jfisser xejn fl-isfond ta' din il-kwistjoni.

Illi fis-sentenza fl-ismijet **"Muscat vs Buttigieg"** (deċiża fis-27 ta' Marzu 1990) il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili spjegat illi skond id-dutrina u ġurisprudenza nostrali l-interess ġuridiku ġie definit bħala *"la misura dell azione"*; u li l-interess irid ikun:

1. *ġuridiku jiġifieri domanda jrid ikollha ipotesi ta' eżistenza ta' dritt u vjolazzjoni tiegħu,*

2. *dirett u personali fis-sens li huwa dirett meta jeżisti fil-kontestazzjoni jew il-konsegwenzi tagħha, personali fis-sens li jirrigwardja l-attur, ħlief fl-azzjoni popolari,*

3. *attwali fis-sens li jrid joħroġ minn stat attwali ta' vjolazzjoni ta' dritt".*

Illi kif intqal fis-sentenza riċenti (mogħtija fis-27 ta' Marzu 2015) mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **"Helen Tabone vs Francis Gauci"** ingħad illi:

*"Huwa evidenti li t-tieni rekwiżit huwa mankanti f'din il-kawża għaliex l-interess avvanzat fir-rikors promotur ma jirrigwardjax lill-atturi iżda lil persuna oħra."* Anke f'din il-kawża l-interess mhuwiex tal-attriċi iżda tas-soċjeta' proprjetarja tal-fond in kwistjoni. Kwindi għalkemm *'prima facie'* l-konvenuta ma jidher li għandha ebda titolu biex tokkupa l-fond, l-attriċi personalment ma għandha ebda interess dirett biex titlob l-iżgumbrament tagħha.

Illi kif ingħad l-attriċi tivvanta dan id-dritt anke għaliex fi

proċeduri ta' medjazzjoni quddiem il-Qorti tal-Familja, dik il-Qorti awtoriżżatha tgħix fil-fond ad esklużjoni ta' żewġha issa mejjet. Dan irrifjuta illi jagħti ċ-ċwievet bir-riżultat li issa l-fond okkupatu bintu li lanqas ma trid titilqu minn idejha.

Illi huwa pero' evidenti għal din il-Qorti, li digriet simili għandu skop proviżorju, intiż biex jistabbilixxi ***modus vivendi*** bejn il-konjuġi fil-bidu ta' proċeduri ta' separazzjoni. F'dan il-każ l-attriċi ma komplietx dawn il-proċeduri kif kellha l-possibbilta' li tagħmel anke wara l-mewt ta' żewġha. Allura l-Qorti taqbel mal-konvenuta li dan id-digriet ma għadx għandu saħħa legali.

**DEĊIŻJONI**

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta u tilliberaha mill-osservanza tal-ġudizzju.**

**Spejjeż tal-kawża fiċ-ċirkostanzi ġja' msemmija jkunu bla taxxa bejn il-kontendenti.**

**Moqrija.**

**Onor. Joseph Azzopardi LL.D.**
**Imħallef**

**Mario Debono**
**Deputat Reġistratur**